MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 199/2009

**Universal Publicity Services Limited (C-6191)**
**vs**
**Tony Cassar (ID 303350M)**
**ezercenti l-kummerc taht l-isem**
**Arte Antica**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' mija u sitt ewro u ghoxrin centezmu (€106.20) rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut u mertu ta' fattura li qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artiklu 166A bin-numru 269/09 u bl-imghax legali mit-30 ta' Settembru, 2008 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa li m'huwiex debitur tas-socjeta' attrici in kwantu kull debitu li seta' kellu

stante servizzi rezi lilu mis-socjeta’ attrici gew imhallsa pjenament.

Salv eccezzjonijiet ohra skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Tony Cassar u Liliana Azzopardi.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza tittratta dwar talba ghal hlas ta’ servizz ta’ *artwork* maghmul mis-socjeta’ attrici ghal skop ta’ reklam li deher fuq rivista lokali.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut ezercenti l-kummerc taht l-isem Arte Antica jigestixxi hanut li jbiegh oggetti dekorattivi ghad-dar. Illi huwa kien ordna reklam li kellu jidher fir-rivista lokali “*Homeworks*” li johrog ma’ gazzetta lokali perjodikament. Intqal mill-konvenut illi huwa flimkien mas-socjeta’ attrici kienu ftehmu il-prezz ta’ hames mija u disgha u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€549.73) ghal dan ir-reklam ta’ nofs pagna. Ir-reklam kien sodisfacenti u huwa hallas l-ammont mitlub minnu skont il-fattura datata 31 t’Ottubru 2008. Izda ftit gimghat wara kien avvicinah Jean Pierre Azzopardi, direttur tas-socjeta’ attrici, sabiex ihallas l-ammont fit-talba u dehrlu li huwa ma kellu jhallas xejn iktar u li l-ammont li kien ftiehem ma’ Liliana Azzopardi, mart Jean Pierre Azzopardi, kien l-ammont li kien hallas ftit gimghat qabel. Illi minkejja li l-fattura fl-ammont tat-talba hija antecedenti dik li kien hallas u cioe’ datata 30 ta’ Settembru 2008 huwa ma kienx jaf biha qabel ma kellmu fuqha Jean Pierre Azzopardi.

It-Tribunal jirrilleva li fid-dokument TC1 ezebit mill-konvenut hemm notament iffirmat minn Jean Pierre

Azzopardi li l-hlas permezz ta' cheque numru 188 huwa ghas-saldu ta' dik il-fattura fis-somma mitluba ghar-reklam u cioe ta' €549.73.

Illi mix-xhieda ta' Liliana Azzopardi jirrizulta li hija kienet avvicinat lill- konvenut sabiex tbiegh serje ta' riklami. Illi d-diskussjonijiet u l-ftehim kollu kien sar bejnha u bejn mart il-konvenut fuq insistenza tieghu peress illi l-mara tieghu kienet tinqala' ahjar ghal dawn l-affarijiet. Hija ssoktat bin-negozjar ma' mart Tony Cassar kif gie rikjest minnu. Hija qalet li kienet spjegat lil mart il-konvenut kif l-ammont ta' hames mija disgha u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmi (€549.73) kien ghar-reklamar fir-rivista "*Homeworks*" fil-waqt is-somma ta' mija u sitt ewro u ghoxrin centezmu (€106.20) huwa konness ma' l-*artwork* ta' dak l-istess reklam li jsir minn naha taghhom. Hija spjegat illi xogholhom jikkonsisti billi jipprepraw l-*artwork* ghal klijent skont ir-rikjesta tal-klijent sabiex ir-reklam ikun jista' jigi stampat. Hija spjegat ukoll illi ma kienetx l-ewwel darba li nnegozjaw ma Arte Antica tant illi xi zmien qabel l-ordni ghal reklami huma kienu wettqu xoghol ta' stampar ta' *business cards* ghall-konvenut .

Illi l-kwistjoni ta' bejniethom qamet meta l-konvenut ma kienx fehem illi l-hlas ta' l-*artwork* kien separat minn dak ghar-reklam stess. Liliana Azzopardi xehdet illi l-ftehim kollu kien kollu sar ma' mart Tony Cassar u mhux direttament mall-konvenut peress illi l-konvenut kien qal lil Azzopardi tiddiskuti dierttament ma martu ghal dan it-ip ta' xoghol. Qalet ukoll illi meta ltaqghet mall-klijenti u cioe' ma mart il-konvenut bl-istima tar-reklami datata 18 ta' Settembru, 2008 spjegatilha fid-dettal f'hiex kienet tikkonsisti l-istima. Spjegat ukoll in-notamenti ta' taht fejn kienu ssemmew il-kliem *origination expenses*. Hija stqarret illi l- *orgination expenses* huwa l-*art work* li jigi preparat qabel l-istampar. Illi ta' dan ix-xoghol huma jithallsu separatament u m'ghandux x'jaqsam mar-reklam *per se*. Xehdet illi l-ordni kienet saret ghal *half page advert* u l-*artwork* ghalih jigi preperat ghal darba wahda biss u ghalhekk jigi ccargjat darba biss qabel ma jigi stampat stante li r-reklam sussegwenti jibqa' bl-istess qisien. Azzopardi spjegat ukoll illi fil-bidu mart il-konvenut

ftehmet illi kienet ha tordna pakkett ta' reklami ossia serje ta' reklami izda dawn gew  gew kancellati hesrem mill-klijent  fil-bidu ta' Dicembru, 2008. Stqarret ukoll illi minkejja l-kancellament tardiv, is-socjeta' attrici irrangat illi l-klijent  Arte Antica  ma jigix icargjat *cancellation charges* mill-istampatur.

Illi essenzjalment ix-xoghol tas-socjeta' attrici jikkonsisti fil-bejgh ta' reklami fejn huma jaqilghu *commision* fuq ir-reklami. Illi l- *artwork* tar-reklami huwa separat mill-prezz tar-reklam stampat fir-rivista li d'altronde jithallas direttament lir-rivista mis-socjeta' attrici.  Illi fl-istima moghtija lill-klijenti Arte Antica datata 18 ta' Settembru, 2008 hemm serje ta' reklami u l-prezzijiet taghhom kif ukoll notament taht fejn hemm spjegat illi *origination expenses are not included and will be costed on an individual basis according to the relative briefs involved*. Lilian Azzopardi xehdet illi hija kienet spjegat it-tifsira ta' dan in-notament lil mart Tony Cassar.

Sussegwentement ir-reklam deher fir-rivista Homeworks ippubblikat f'Ottubru, 2008.  Illi l-fatturi kienu maqsumin fi tnejn wahda ghall-*art work* ippreparat f'Settembru, 2008 u l-ohra ghar-reklam li kien deher fix-xahar ta' wara.

Wara li sema' u evalwa x-xhieda kollha ezebita in atti bir-reqqa , t-Tribunal huwa tal-fehma li x-xhieda tal-konvenut m'hijiex konsistenti daqs dik ta' Liliana Azzopardi. Illi effettivament innegozjar ghal dan ir-reklam kien sar minn mart il-konvenut u mhux mill-konvenut meta huwa talabha tintervjeni fir-reklami ghal kummerc ta' Arte Antica. Jirrizulta lit-Tribunal li s-socjeta' attrici kellha l-approvazzjoni tal-klijent Tony Cassar ezercenti l-kummerc taht l-isem Arte Antica li tiftiehem direttament ma' martu dwar in-negozju tar-reklam u li fil-fatt il-ftehim dwar dan ir-reklam kien thalla f'idejn mart Tony Cassar.  Illi t-Tribunal ra bir-reqqa d-dokumenti prezentati in atti partikolarment l-istima ta' reklami, a fol. 23, datata 18 ta'Settembru, 2008 u l-fatturi relatati.  Illi f'din l-istima jidher car notament ta' *origination expenses* li kellhom jigu ccargjati separatament lill-klijent.  Illi t-Tribunal jemmen il-verzjoni ta' Liliana Azzopardi meta xehdet illi hija ftehmet mall-

mara tal-konvenut fuq insistenza tieghu peress illi hija kienet l-persuna li tiddeciedi fuq dawn l-affarijiet. Illi t-Tribunal jemmen illi din l-istima inghatat lil mart il-konvenut li kienet giet delegata minnu dejjem bl-approvazzjoni tieghu sabiex tiftiehem fuq ir-reklam flimkien ma' Liliana Azzopardi.

It-Tribunal huwa tal-fehma li Tony Cassar huwa citat in gudizzju fil-kapacita' tieghu ta' kummercjant. Illi bhala kummercjant huwa ddecieda li jaghmel reklam f'rivista lokali izda ddelega lil martu sabiex tiftiehem id-dettalji ta' dan ir-reklam direttament mas-socjeta' attrici. Illi fil-kaz in kwistjoni l-konvenut agixxa regolarment fil-qadi normali tax-xoghol tieghu bhala negozjant u ma kienx qieghed jagixxi f'ismu izda dejjem f'isem Arte Antica.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta' attrici ppruvat it-talba taghha u ghalhekk jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici fis-somma ta' mija u sitt ewro u ghoxrin centezmi (€106.20) bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------